**MALTA**
**TRIBUNAL TA' REVIZJONI AMMINISTRATTIVA**
**MAGISTRAT DR. CHARMAINE GALEA**

**28 ta' Jannar 2019**

**Rikors Numru 73/2018**

**Joseph Cordina, Ursola mart Emanuel Mercieca, Antonia sive Maria Antonia Attard, Joseph Attard, Carmela mart Joseph Sacco, Carmel sive Charles Attard, Josephine Michael Ellul, Emanuel Attard, Victor Attard, Elizabeth mart Abdelkader El Khiate, Joyce mart Carmel Azzopardi, Paul Ciappara, Sonya sive Sonia Maria Xuereb, mart Paul, Mary Anne Ciappara, Angela mart Jesmond Grima, Joseph Curmi, Dr. Christine Chircop, Vincent Vella, Carmel Vella, Saviour Debono Grech, Joanna Debono Grech, Edwige Kelly, Myriam McDonald, u Johny Vella u Sammy Vella, u b'digriet tad-29 ta' Ottubru 2018 Joseph Attard assuma l-atti flok Anton F. Attard li gie nieqes fit-18 ta' Lulju 2018**

**Vs**

**L-Awtorita` tal-Artijiet**

**It-Tribunal,**

Ra r-rikors ta' **Joseph Cordina et** ipprezentat fl-20 ta' Lulju 2018 li permezz tieghu ppremetta s-segwenti:-
«

*1. Illi l-esponenti huma proprjetarju ta' diversi appezzamenti formanti parti minn territorju magħruf bħala "Ta' Karawendi" sive "Il-Wied ta' Karawendi" fil-limiti ta' Rabat, Għawdex, filwaqt li l-Awtorità intimata, qua suċċessura fit-titolu tad-Dipartiment tal-Artijiet hija proprjetarja ta' appezzament ieħor formanti parti mill-istess territorju;*

*2. Illi dwar dan it-territorju kienet ġiet intavolata applikazzjoni mal-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar, illum l-Awtorità*

*tal-Ippjanar, sabiex dik l-Awtorità tistabbilixxi l-allinjament tat-toroq u l-parametri tal-iżvilupp għal dan it-territorju, stante li l-istess territorju kien jinsab f'żona ta' żvilupp;*

3. *Illi din l-applikazzjoni magħrufa bħala 'Planning Control Application', saret fit-termini tal-Avviż Legali 71/2007, kif emendat bl-Avviż Legali 73/2015, u ġġib ir-riferenza PC50/2017;*

4. *Illi wieħed mir-rekwiżiti essenzjali sabiex tkun tista' tiġi pproċessata applikazzjoni simili huwa l-kunsens ta' numru ta' sidien li flimkien ikunu proprjetarji ta' perċentwali stabbilit mill-arja superfiċjali ta' art inkluża fl-applikazzjoni, u li tikkwalifika għal żvilupp;*

5. *Illi fid-dawl tal-kejl ta' art appartenenti lilu, sabiex dan il-perċentwali jintlaħaq f'dan il-każ, kien meħtieġ il-kunsens tad-Dipartiment tal-Artijiet;*

6. *Illi l-esponenti kienu adixxew lid-Dipartiment u talbuh il-kunsens tiegħu, u dan il-kunsens kien effettivament ingħata;*

7. *Illi in segwitu, l-esponenti bdew il-proċeduri rikjesti skont il-liġi u pprovdew lill-Awtorità tal-Ippjanar, id-dokumentazzjoni kollha rikjesta għall-finijiet ta' approvazzjoni tal-applikazzjoni tagħhom;*

8. *Illi parti mill-proċess kien jinvolvi r-redazzjoni ta' survey mill-Awtorità tal-Ippjanar, li eventwalment jitħallas mill-applikanti;*

9. *Illi meta dan il-proċess kollu kien kważi kompletat, wasal mument fejn l-Awtorità tal-Ippjanar infurmat lill-perit inkarigat mill-esponenti li l-proċess kien twaqqaf, u iktar tard, fis-17 ta' April 2018, l-esponenti ġew infurmati li dan kien dovut għall-fatt li l-Awtorità tal-Artijiet kienet irtirat il-kunsens tagħha;*

10. *Illi madankollu kien biss fit-3 ta' Lulju, li l-esponenti ġew uffiċjalment infurmati, permezz ta' ittra, datata 30 ta' Marzu 2018, u kkonsenjata lill-Perit tagħhom, il-Perit Gordon Vella, li taqra kif ġej:*

> *L-Awtorità tal-Artijiet, b'referenza għall-applikazzjoni tiegħek għas-Site 3, Wied il-Karawendi, Victoria, Gozo tinfurmak li d-deċiżjoni tal-Bord tal-Gvernaturi hekk kif deċiża fis-16 ta' Marzu 2018 hija s-segwenti:*
> *Il-Bord ra l-applikazzjoni iddiskuta l-file u stante l-organizzazzjoni żbalja tal-formazzjoni tat-Toroq jaqbel mar-rakkommandazzjoni u ċjoè consent is withdrawn for ta' PC-D application*

11. *Illi din l-ittra kienet akkumpanjata minn fuljett li nforma lill-esponenti bid-dritt tagħhom li jadixxu lil dan l-Onorabbli Tribunal*

*jekk iħossu ruħhom aggravati b'din id-deċiżjoni tal-Awtorità intimata;*

12. *Illi effettivament, l-esponenti ħassew ruħhom ferm u ferm aggravati b'din id-deċiżjoni u dan għal diversi raġunijiet kif ser jiġi dettaljatament elenkat hawn taħt;*

13. *Illi qabel xejn, l-Awtorità ma kellha quddiemha l-ebda applikazzjoni da parti tal-esponenti bħal dik indikata minnha, u għalhekk id-deċiżjoni meħuda minnha kienet teżorbita l-kompetenza tagħha. Infatti l-applikazzjoni tal-esponenti kienet ilha approvata sa mit-12 ta' Jannar 2016 u rikonfermata fl-14 ta' Ġunju 2017. L-Awtorità, għalhekk, ma kinitx imsejħa sabiex tiddeċiedi dwar il-mertu ta' dik l-applikazzjoni, u lanqas ma setgħet marte proprio unilateralment taqbad u tirtira kunsens li kien ilu li ngħata xhur twal qabel;*

14. *Illi fit-tieni lok, din id-deċiżjoni ttieħdet bi ksur tal-prinċipji kollha ta' ġustizzja naturali, inkluż smigħ xieraq u audi et alteram partem. Infatti, l-esponenti qatt ma ġew avżati minn qabel bil-proċess li kienet qegħda twettaq l-Awtorità intimata, anzi kien biss iktar minn tliet xhur wara li ttieħdet din id-deċiżjoni li l-esponenti saru jafu l-ewwel darba b'dan il-proċess u bl-eżitu tiegħu. Konsegwentement, l-esponenti ma ngħataw l-ebda opportunità li jsemmgħu leħinhom u jressqu l-veduti tagħhom dwar il-proċess li kien qiegħed iseħħ. Hekk ukoll, l-esponenti għadhom sal-lum ma jafux min ressaq ir-rakkommandazzjoni li ġiet eventwalment approvata mill-Bord fis-16 ta' Marzu, jew ir-raġunijiet veri wara dik il-proposta.*

15. *Illi fit-tielet lok, fil-mument li, qua proprjetarju tal-porzjon art magħruf bħala Site 3, id-Dipartiment tal-Artijiet, drabi oħra magħruf ukoll bħala Government Property Division, ta l-kunsens tiegħu sabiex tiġi intavolata l-applikazzjoni PC50/17, huwa daħal fi kważi kuntratt mal-esponenti sabiex dan il-proċess jitkompla sa tmiemu. Tal-inqas minn dak il-mument il'quddiem, u possibbilment anki qabel, id-Dipartiment ma kienx qiegħed jaġixxi jure imperii fil-konfront tal-esponenti, imma kien qiegħed jaġixxi l-istess bħala ċittadin privat bħala proprjetarju tal-art de quo, u kien marbut u obbligat li ma jirtirax il-kunsens tiegħu unilateralment u bi preġudizzju għad-drittijiet kweżiti tal-ko-applikanti l-oħra, irrispettivament mir-raġuni li huwa ħass li setgħet tiġġustifika deċiżjoni ta' rtirar ta' dak il-kunsens. Meta mbagħad ġiet kostitwita l-Awtorità intimata, fit-termini tal-Artikolu 55 tal-Kap. 563, hija ssuċċediet fid-drittijiet u obbligi kollha tad-Dipartiment, u għalhekk ma setgħetx tuża d-drittijiet jure imperii tagħha sabiex tirtira l-kunsens tagħha unilateralment. Jekk xejn, hija setgħet taġixxi quddiem il-qrati ordinarji ċivili sabiex titlob ix-xoljiment tal-kważi-kuntratt fis-seħħ bejnha u l-esponenti. Konsegwentement id-deċiżjoni meħuda mill-Awtorità*

*hija radikalment nulla u tirrapreżenta eċċess u abbuż tal-poter da parti tal-istess Awtorità.*

16. *Illi, fir-raba lok, u mingħajr preġudizzju għall-premess, id-deċiżjoni tal-Awtorità tirrapreżenta abbuż tal-poter affidat lilha bil-liġi u kwindi teżorbita dak il-poter, inkwantu effettivament l-Awtorità qegħda taġixxi biss sabiex tiżvaluta kemm l-art appartenenti lid-demanju pubbliku kif ukoll l-artijiet tal-esponenti billi minn artijiet żviluppabbli tirrendihom f'artijiet bla ebda valur.;*

17. *Illi finalment, u dejjem mingħajr preġudizzju għall-premess, id-deċiżjoni hija fattwalment skorretta għaliex ma hemm l-ebda "organizzazzjoni żbaljata tal-formazzjoni tat-toroq", kif sejjer jiġi ppruvat waqt it-trattazzjoni ta' dan ir-rikors.*

18. *L-esponenti qegħdin jissenjalaw ukoll li, sfortunatament, wieħed mis-sidien ta' din l-art,* ***Anton Attard*** *- Karta tal-Identità numru 16943G – miet proprju fil-lejl ta' bejn it-18 u d-19 ta' Lulju 2018, lejlet l-għeluq tat-terminu għall-preżentata ta' dna ir-rikors. Sa issa għadu mhux magħruf huwa kif irregola s-suċċessjoni tiegħu, u għalhekk, l-esponenti qegħdin minn issa jirriżervaw li jitolbu li jsiru l-atti, u possibbilment il-korrezzjonijiet, meħtieġa sabiex dan il-ġudizzju jkun integru.*

*Għaldaqstant u għar-raġunijiet kollha hawn fuq elenkati u dawk ir-raġunijiet l-oħra kollha li jirriżultaw waqt it-trattazzjoni ta' dan ir-rikors, huma jitolbu bir-rispett li dan it-Tribunal jogħġbu:*

1. *Jiddikjara bħala nulla u ineffettiva d-deċiżjoni meħuda mill-Awtorità tal-Artijiet fis-16 ta' Marzu 2018, u nnotifikata lill-perit tal-esponenti fit-3 ta' Lulju 2018 li permezz tagħha dik l-Awtorità ppretendiet li qegħda tirtira l-kunsens mogħti mid-Dipartiment tal-Artijiet sabiex tiġi intavolata u pproċessata l-applikazzjoni mal-Awtorità tal-Ippjanar dwar it-territorju magħruf bħala "Ta' Karawendi" sive "Il-Wied ta' Karawendi". "*

Ra r-risposta **tal-Awtorita` ta' l-Artijiet** datata 16 ta' Awwissu 2018 li permezz taghha eccepiet is-segwenti:-

"

1. *Illi Art7(2)(c) tal-Kap 563 jagħmilha l-funzjoni tal-Awtorita' tal-Artijiet illi "tamministra bl-akbar mod assolut sabiex isir l-aħjar użu tal-art kollha tal-Gvern ta' Malta u kull art li tifforma parti mill-isfera pubblika" w'għaldaqstant l-Awtorita' kienet fid-drittijiet pjeni taghha illi tirrifjuta din l-applikazzjoni;*

2. *Illi in oltre fl-istess deċiżjoni tagħha l-Awtorità tat raġuni skont il-prinċipju amministrattiv ormaj stabbilit, "the duty to give reasons" u sejset id-deċiżjonijiet*

*tagħha fuq il-fatt illi l-applikazzjoni tipprezenta "organizzazjoni zbaljata tal-formazzjoni tat-Toroq";*

3. *Illi din id-decizjoni ttiehdet wara illi is-CEO Carlo Mifsud informa lill-Bord illi "it transpires that the application might prejudice the interest of the Government of Malta due to a poor organisation of the road layout" Ara Dok A anness;*

4. *Illi, barra minn hekk, m'hemm xejn fil-ligi tal-ippjanar illi tghid illi kunsens min sid ma jistax jigi rtirat qabel decizjoni u dan ma jghoddx biss ghal dan il-kaz izda ghal kull sid w'ghaldaqstant mhuwiex il-kaz illi l-Awtorita' qieghda tezercita r-rwol taghha hazin jew abbuzivament kif gie allegat mir-rikorrenti;*

5. *Illi l-Awtorita' kienet tkun qieghda tmur kontra l-ligi li kieku meta giet migbuda l-attenzjoni taghha illi l-mod kif inhuma organizzati t-toroq fil-PC application odjerna tipprezenta organizzazzjoni zbaljata li tista' tkun ta' pregudizzju ghall-Gvern ta' Malta, ma ghamlet xejn u halliet dik is-sitwazzjoni tavvera ruhha;*

6. *Illi l-Awtorita' tirreitera illi xogholha mhuwiex biss ili tara li l-art tal-Gvern isir uzu tajjeb minnha izda li jsir l-"ahjar uzu" minnha, u f'dan il-kaz kien jidher, skont rakkomandazzjoni li saritilha illi dan ma kienx sa jkun il-kaz;*

*Għaldaqstant dan l-Onorabbli Tribunal għandu jiċħad it-talba mressqa quddiemu mir-rikorrenti bl-ispejjeż interament għall-istess rikorrenti."*

Sema' x-xhieda;

Ra d-dokumenti kollha pprezentati;

Ra n-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet;

Ra li r-rikors thalla ghal-lum ghas-sentenza.

**Ikkunsidra:**

Illi r-rikorrenti hassewhom aggravati b'decizjoni tal-Bord tal-Gvernaturi tal-Awtorita` ta' l-Artijiet datata 16 ta' Marzu 2018 u komunikata lilhom permezz ta' ittra datata 30 ta' Marzu 2018 (Dokument A a fol. 7) li permezz taghha gew mgharrfa illi kienet qieghda tirtira l-kunsens ghal PC-D *application* fir-rigward ta' Site 3, Wied il-Karawendi, Victoria, Gozo.

Illi mill-provi jirrizulta illi r-rikorrenti huma proprjetarji ta' diversi porzjonijiet minn territorju maghrufa bhala "Ta' Karawendi" *sive* "Il-Wied ta' Karawendi" fli-limiti ta' Rabat, Ghawdex filwaqt li l-Gvern huwa proprjetarju ta' porzjon iehor parti mill-istess territorju.

Jirrizulta wkoll li r-rikorrenti fl-2017 issottomettew applikazzjoni, maghrufa bhala *Planning Control Application,* mal-Awtorita` ta' l-Ippjanar sabiex l-istess Awtorita` tistabilixxi l-allinjament tat-toroq u l-parametri tal-izvilupp tal-imsemmi territorju stante li kien jinsab f'zona ta' zvilupp. Ai termini tal-Avviz Legali 71 tal-2007, kif sussegwentement emendat bl-Avviz Legali 73 tal-2015, peress li l-Gvern kellu artijiet fl-istess territorju kien hemm bzonn il-kunsens tieghu sabiex l-applikazzjoni tkompli tigi processata. Mill-*file* tal-Awtorita` intimata pprezentat fl-atti jirrizulta illi bdew negozjati biex il-Gvern jaghti l-kunsens tieghu sa mill-2007 (ara ittra tal-Perit Joseph P. Dimech a fol. 217).

Wara skambju ta' korrispondenza l-Awtorita` intimata fl-2017 tat il-kunsens taghha ghal tali applikazzjoni (Dok D a fol. 13a). Infatti fl-istess kunsens hemm imnizzel is-segwenti:

***"I/we, Perit Stefan Scotto o.b.o. Lands Authority, own the property, site reference indicated above, and shown bordered in blue on the plan overleaf having the following address, (if applicable) Site 3, Wied ta' Karawendi / Il-Blata l-Bajda, Rabat (Gozo).***
***I/we have been informed by the applicant/s representative of the proposal submitted to the Planning Authority in terms of L.N 71 of 2007, as amended by L.N. 73 of 2015 re: establish the street alignment.***
***I, representing the ownership of the parcel of land reference shown above, hereby declare that I have examined the proposed draft layout plan which was submitted to the Planning Authority (a copy of which lies overleaf) and that I find no objection to the proposed change. I also acknowledge that this proposal has to be accurately interpreted on an official surveyed plan (scale 1:500) for consideration by the Planning Authority."***

L-istess kunsens kien inghata precedentement, u cioe` fl-2016, mill-predecessur tal-Awtorita` intimata, u cioe` mid-Dipartiment tal-Proprjeta` tal-Gvern (Dok C a fol. 11).

Illi da parti taghha, l-Awtorita` intimata stqarret fir-risposta taghha, illi kienet ingibdet l-attenzjoni tal-Bord tal-Gvernaturi li l-applikazzjoni ghall-allinjamenti tat-toroq u sabiex jinghataw il-parametri tal-izvilupp seta' jippregudika l-interessi tal-Gvern ta' Malta minhabba organizzazzjoni fqira tal-allokazzjoni tat-toroq (Dok A fol. 28). Ghaldaqstant il-Bord tal-Gvernaturi iddecieda li jirtira l-kunsens li l-Awtorita` intimata kienet tat precedentement.

**Il-Perit Stefan Scotto,** *Senior architect and civil engineer* mal-Awtorita` intimata, stqarr illi kienu huwa li ffirma l-kunsensi in kwistjoni, darba ghan-nom tad-Dipartiment tal-Proprjeta` tal-Gvern u darb'ohra ghan-nom tal-Awtorita` intimata, u dan wara li kkonsulta mas-superjuri tieghu, fit-tieni kaz direttament mac-*Chief Executive Officer* ta' dak iz-zmien. Jghid li pero` huwa gie mgharraf mill-Perit tar-rikorrenti illi l-kunsens kien gie rtirat, pero` dwar dan hadd mill-Awtorita` intimata ma kkonsultah.

**Carlo Mifsud**, *ex* Kap Ezekuttiv tal-Awtorita` intimata, stqarr li milli seta' jiftakar il-*file* in kwistjoni kien rega' mar quddiemu fejn ingibditlu l-attenzjoni li kien hemm xi hajt divizorju ta' kamra u jekk tintmiss din il-kamra tista' tigi pregudikata. Jghid li t-triq kif kienet gejja ma kinitx imqassma bl-ahjar mod. Jispjega li meta ta l-kunsens tieghu ghall-applikazzjoni odjerna fl-2017 huwa kienu ghadu gdid fil-posizzjoni tieghu u meta l-*file* kien rega' gie quddiemu f'Marzu 2018 kien hemm *policy* differenti kif jigu processati tali applikazzjonijiet.

**Dr. Anita Giordmaina**, Segretarja tal-Bord tal-Gvernaturi, stqarret illi waqt il-laqgha tal-Bord tal-Gvernaturi rigward din id-decizjoni ma ssemmiet l-ebda binja izda l-kunsiderazzjoni kienet biss fuq il-formazzjoni tat-toroq.

**Ikkunsidra:**

Illi l-fatti ta' dan l-appell huma pjuttost cari. Ir-rikorrenti ghandhom kull wiehed porzjon art f'territorju mdaqqas. Fl-istess territorju hemm ukoll xi porzjonijiet li huma proprjeta` tal-Gvern. Peress li dan it-territorju jaqa' f'zona ta' zvilupp, ir-rikorrenti xtaqu li jizviluppaw il-porzjonijiet taghhom pero` naturalment ried isir pjan kif se jsiru t-toroq biex ikun hemm access adegwat ghal fuq it-triq principali, senjatament Triq Mro. Dirjanu Lanzon gewwa r-Rabat, Ghawdex.

Ghal dan il-ghan, uhud mir-rikorrenti ssottomettew applikazzjoni mal-Awtorita` ta' l-Ippjanar biex isir l-allinjament tat-toroq u eventwalment ikunu jistghu jizviluppaw l-istess territorju. Peress li l-Gvern kellu nteress ukoll fl-istess territorju, biex l-applikazzjoni setghet tigi processata min-naha tal-Awtorita` ta' l-Ippjanar, kien hemm bzonn il-kunsens tieghu, liema kunsens inghata darbtejn peress li wara li nghata l-ewwel kunsens kien hemm xi modifiki fl-istess applikazzjoni.

Illi wara li nghata l-kunsens fl-14 ta' Gunju 2017 mill-Perit Stefan Scotto ghan-nom tal-Awtorita` intimata, jirrizulta illi l-*file* in kwistjoni rega' tela' quddiem il-Kap Ezekuttiv ta' dak iz-zmien, Carlo Mifsud, b'xi notamenti illi seta' jkun hemm xi pregudizzju ghal xi kamra li kienet tidhol f'dan il-progett. Ghalhekk il-Kap Ezekuttiv baghat il-*file* quddiem il-Bord tal-Gvernaturi b'rakkomandazzjoni li l-kunsens jigi rtirat fejn kien irrakomanda s-segwenti:

*"It transpires that the application might prejudice the interest of the Government of Malta due to a poor organisation of the road layout.*

*After reviewing the file, I am recommending consent is withdrawn for the PC-D application."* Il-Bord tal-Gvernaturi mexa fuq din ir-rakkomandazzjoni u hareg id-decizjoni appellata.

Illi jibda biex jinghad illi dan it-Tribunal ma gie konfortat bl-ebda mod u ma nghata l-ebda spjegazzjoni fhiex kienet tikkonsisti l-organizzazzjoni zbaljata tal-formazzjoni tat-toroq imsemmija fid-decizjoni appellata. Izda iktar minn hekk, it-Tribunal josserva illi ghal darba, darbtejn l-Awtorita` intimata u l-predecessur taghha taw il-kunsens taghhom wara li gew ipprezentati lilhom id-dokumenti kollha necessarji da parti tar-rikorrenti. Jirrizulta illi l-permess tal-Awtorita` intimata u l-predecessur taghha ma nghatawx mil-lum ghal ghada izda wara diversi snin ta' diskussjonijiet u kwindi ma jistghax jinghad li din kienet xi decizjoni mghaggla. Jirrizulta wkoll illi l-Perit li ffirma ghan-nom tal-*Government Property Division* u ghan-nom tal-Awtorita` intimata, il-Perit Stefan Scotto, ikkonsulta mas-superjuri tieghu qabel iffirma ghall-kunsens, u dan kif jirrizulta mill-*emails* esebiti (ara fol. 159 u 160) u kif ukoll mix-xhieda tal-*ex* Kap Ezekuttiv Carlo Mifsud (ara fol. 261 fejn l-istess xhud stqarr li l-Perit Scotto kien mar ikellmu fuq din l-applikazzjoni).

Illi ghalhekk jirrizulta car illi l-Awtorita` intimata u l-predecessur taghha kellhom l-informazzjoni kollha a disposizzjoni taghhom u setghu facilment jaghmlu apprezzament ta' dak li kien qed jigi mitlub lilhom. Jirrizulta li wara li sar tali apprezzament huma taw il-kunsens taghhom. Jirrizulta pero` illi ghal xi raguni mhux maghrufa rega' tela' l-*file* quddiem il-Kap Ezekuttiv fejn ingibditlu l-attenzjoni li kien hemm kwistjoni fuq xi kamra u xi hajt divizorju u li t-toroq proposti kienu se jsiru fuq parti kbira tal-art tal-Gvern. Mill-*file* esebit in atti, minn fejn u minn min ingibdet din l-attenzjoni ma jirrizulta xejn ghaliex ezattament qabel ir-rakkomandazzjoni tal-Kap Ezekuttiv (a fol. 148) wiehed isib il-kunsens li nghata mill-Awtorita` intimata fl-2017 (a fol. 147). Dan huwa ferm preokkupanti ghal dan it-Tribunal ghaliex hemm pass nieqes fil-kopji *tal-file* esebit in atti mill-Awtorita` li jiggustifika t-tehid ta' tali azzjoni u decizjoni. Ir-ragunijiet ghala giet mehuda d-decizjoni appellata huma ferm dubjuzi ghaliex fil-*file* esebit tal-Awtorita` intimata hemm il-bahh.

Apparti dan kollu, dan it-Tribunal ma jistghax jifhem kif wara li Awtorita` pubblika taghti l-kunsens taghha ghal darba, darbtejn, imbaghad jidhrilha li tista' tirtira dak il-kunsens semplicement ghax tinduna li forsi xi ufficjal taghha ikun ghamel zball. Din hija prepotenza u abbuz ta' poter per eccellenza. Li kieku dan it-Tribunal kellu jippermetti tali agir allura kull decizjoni li tiehu l-Awtorita` qatt ma tista' tigi meqjusa bhala finali ghaliex l-Awtorita` tista' meta jfettlilha tirtira dik id-decizjoni minghajr biss ic-cittadin ma jkun jaf li l-applikazzjoni tieghu qieghda terga' tigi rikonsiderata. Din mhix certament mgieba amministrattiva tajba. L-awtoritajiet pubblici ghandhom bosta poteri

meta mqabbla mac-cittadin u dan gustament ghaliex permezz taghhom l-Istat jirregola diversi oqsma importanti, pero` tali poter irid juzawh b'mod ragjonevoli u b'rispett lejn id-drittijiet tac-cittadini. Jekk Awtorita` tkun tat il-kunsens taghha ma tistghax, forsi wara li tiskopri li kien hemm xi nuqqas da parti taghha, uniltaralment thassar tali ftehim jew kunsens.

U dak li gara fil-kaz prezenti. "Xi hadd" gibed l-attenzjoni tal-Kap Ezekuttiv li allegatament sar zball meta nghata l-kunsens ghal darba, darbtejn u rrakomanda lill-Bord tal-Gvernaturi biex jirtira l-kunsens moghti. Dan ma setghax isir ghax bhal kull cittadin, l-Awtorita` intimata trid iggorr il-konsegwenzi tad-decizjonijiet taghha u mhux tipprova tirretifika l-izbalji taghha billi unilatarlment thassar ftehim li sar minghajr ebda vizzju riskontrat u ppruvat.

Ghaldaqstant it-Tribunal qieghed jannulla u jhassar id-decizjoni tal-Awtorita` intimata datata 16 ta' Marzu 2018.

**DECIDE**

Ghaldaqstant it-Tribunal, ghar-ragunijiet hawn fuq esposti, qieghed jilqa' l-appell tar-rikorrenti u jichad ir-risposta tal-Awtorita` intimata.

Bl-ispejjez kontra l-Awtorita` intimata.

---

**Dr. Charmaine Galea**
**President tat-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva**

**Diane Gatt**
**Deputat Registratur**